# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 28 ta' Novembru tas-sena 2001.**

**Numru 12**

**Avviz numru 570/01/SM**

**Vassallo Joiners Limited**

**vs**

**F.Mercieca & Sons Mobili Ltd**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' tlett mija u wiehed u tletin Liri Maltin u tnejn u tletin centezmu (LM331.32,0), bilanc minn somma akbar rapprezentanti l-valur ta' oggetti ta' l-ghamara mibjugha u konsenjati lis-socjeta' konvenuta mis-socjeta' attrici fuq inkarigu ta' l-istess socjeta' konvenuta;**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 7 ta' Novembru 2000 u bl-imghax legali dekoribbli mit-30 ta' Settembru 1999 sad-data ta' l-effettiv pagament, kontra s-socjeta' konvenuta rapprezentanti li giet ingunta ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma deheritx, la fit-22 ta' Novembru tas-sena 2001 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**